

ECHA/NR/18/62

Żomm ir-reġistrazzjoni tiegħek aġġornata

Ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi kimiċi tiegħek taħt REACH mhijiex eżerċizzju ta' darba: int se titgħallem affarijiet ġodda dwar is-sustanza tiegħek, u s-sitwazzjoni tiegħek stess tista' tinbidel. Dan għandu jkun rifless fir-reġistrazzjoni tiegħek. Għalhekk, għandek bżonn tirrevedi b'mod regolari d-dossier tiegħek u taġġornah meta jkun hemm informazzjoni ġdida disponibbli.

Helsinki, 6 ta' Novembru 2018 - Is-seba' u l-aħħar pass fir-reġistrazzjoni b'suċċess tal-kimika tiegħek hu li żżomm id-data tar-reġistrazzjoni tiegħek. Ir-reġistrazzjoni tiegħek għandha tirrifletti l-aktar taġġir aġġornat dwar kif sustanza tista' tintuża b'mod sikur fis-siti tal-produzzjoni u tul il-katina tal-provvista sakemm tasal għand l-utent finali. Din mhijiex biss prattika tajba, iżda wkoll rekwiżit legali.

L-informazzjoni fid-dossier ta' reġistrazzjoni teħtieġ li tiġi aġġornata, pereżempju, meta titgħallem xi ħaġa ġdida dwar il-kompożizzjoni tas-sustanza tiegħek, il-karatteristiċi ta' tagħha, kif tintuża mill-klijenti tiegħek jew il-miżuri speċifiċi ta' ġestjoni tar-riskju meħtieġa. Bidliet sinifikanti fil-volumi ta' produzzjoni jew importazzjoni u l-informazzjoni tal-kumpanija għandhom jiġu rrapportati wkoll lill-ECHA. Barra minn hekk, tista' ssir disponibbli informazzjoni ġdida meta kumpaniji ġodda jkunu jixtiequ jingħaqdu fil-preżentazzjoni konġunta. Dan għandu jkun rifless ukoll fid-dossier konġunt.

Minbarra li taġġorna b'mod proattiv id-data tar-reġistrazzjoni tiegħek, tista' tirċievi deċiżjoni tal-ECHA li titlob aktar informazzjoni wara d-dossier jew l-evalwazzjoni tas-sustanza. L-ECHA teżamina reġistrazzjonijiet biex tivverifika li l-informazzjoni fihom hija konformi mar-rekwiżiti legali. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jużaw ir-reġistrazzjonijiet sabiex jiskrutinizzaw sustanzi li jistgħu jkunu ta' tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u jistgħu jipproponu aktar azzjonijiet regolatorji, kif meħtieġ.

Biex taġġorna b'mod effiċjenti d-dossier tiegħek, jeħtieġ li jkollok mekkaniżmu fis-seħħ biex tikkoordina x-xogħol fi ħdan il-kumpanija tiegħek u mar-reġistranti kollha tal-istess sustanza. Għalkemm ir-reġistrant prinċipali għandu jaġġorna l-parti konġunta tad-dossier ta' reġistrazzjoni, ir-reġistranti kollha tal-istess sustanza huma responsabbli flimkien biex iżommu d-data f'ordni u jirrispondu għal talbiet għal aktar informazzjoni. Għal dan il-għan, huwa rrakkomandat li żżomm pjattaforma ta' kooperazzjoni mal-koreġistranti tiegħek.

Pariri prattiċi dwar kif torganizza l-manutenzjoni tar-reġistrazzjoni tiegħek huma disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA fi 23 lingwa tal-UE. Aħna naqsmu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin ta' tagħna għal data ta' kwalità tajba abbażi tan-nuqqasijiet l-aktar komuni osservati waqt l-evalwazzjoni tar-reġistrazzjonijiet. Tista' tevita li jkollok dawn l-istess kwistjonijiet fir-reġistrazzjoni tiegħek stess billi ssegwi r-rakkomandazzjonijiet.

Aktar informazzjoni

Pajni tal-web ta' REACH 2018

<https://echa.europa.eu/mt/reach-2018>

Kif torganizza lilek innifsek għall-aġġornamenti tad-dossiers

<https://echa.europa.eu/mt/how-to-get-organised-for-dossier-updates>

Rakkomandazzjonijiet lil regjistri minn evalwazzjoni REACH

<https://echa.europa.eu/recommendations-to-registrants>